# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 1454

Kaz Nru. 1750

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Amanda Galea

u

W.E.T. Automotive Systems (Malta) Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

illum l-Erbgha 3 ta' Dicembru 2003

**<u>Chairman: Is-Sur Carmel Debono</u>**

1. <u>Introduzzjoni</u>

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali wara talba bil-miktub datata l-5 ta' Frar 2003 mis-Sur Andrew Mizzi u l-Avukat Aron Mifsud Bonnici LL.D. ghan-nom ta' l-appellanta Amanda Galea biex tigi pprocessata skond l-Att XXII tal-2002 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellanta Ms Amanda Galea kienet assistita mis-Sur Andrew Mizzi, Segretarju tat-Taqsima Teknologija, Elettronika u Komunikazzjoni tal-General Workers' Union u l-Avukatessa Marvic DeBarro LL.D. waqt li s-Socjeta' W.E.T. Automotive Systems (Malta) Limited kienet rapprezentata mis-Sinjura Nathalie Azzopardi, HR Manager, assistita minn Dr. Hugh Peralta LL.D.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

2. Dokumenti.

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati ghadd ta' kopji ta' dokumenti relatati mal-kaz.

3. Xhieda.

Tul is-smiegh tal-proceduri taw l-evidenza taghhom is-segwenti persuni:

| | |
|---|---|
| Ms Amanda Galea | l-appellanta; |
| Dr. Joseph Portelli Demajo M.D. | General Practitioner; |
| Is-Sjra Nathalie Azzopardi | HR Manager tas-Socjeta'; |
| Is-Sur Jonathan Bonnici | l-gharus ta' l-appellanta; |
| Is-Sjra Deborah Debono | oht l-appellanta; |
| Dr Shirley Vella M.D. | tabiba fl-isptar San Luqa; |
| Dr Joseph Pace M.D. | tabib li kien membru tal-Bord Mediku Indipendenti li kkunsidra l-kaz ta' l-appellanta; |

4. L-Istorja

L-appellanta Amanda Galea, impjegata tas-Socjeta' W.E.T. Automotive Systems (Malta) Limited kienet giet impjegata mas-Socjeta' fil-25 ta' Mejju 1998 u l-impjieg taghha gie tterminat fil-25 ta' Novembru 2002 abbazi ta' allegat abbuz tas-sick leave.

5. Sottomissjonijiet.

Is-Socjeta' stqarret li l-appellanta sfat imkeccija ghax fil-fehma tas-Socjeta' kienet tieghu "sick leave" eccessiv fuq pattern ta' ftit granet kull darba li finalment kienu jtellghu total sproporzjonat meta kkumparat mas-sick leave ta' l-impjegati l-ohra.

Is-Socjeta' qalet li dan gieghel lis-Socjeta' tirreferi lill-appellanta quddiem bord mediku ta' tlett tobba ndependenti li kkonkludew li l-appellanta kellha "a strong tendency to absent herself for minor ailments. Ms Galea's sickness record is indikative that the freqency and duration of her sick leave is unlikely to change in the foreseeable future"

Dan sar wara li l-appellanta kienet giet imwissija dwar is-*sick record* taghha diversi drabi. Is-Socjeta' ghalhekk sostniet li ma kelliex alternattiva ghajr li tittermina l-impjieg ta' l-appellanta meta s-*sick leave* frekwenti taghha kien qieghed johloq problemi fost l-impjegati l-ohra.

L-appellanta sostniet li hi ma abbuzatx mis-*sick leave* u meta mardet dejjem infurmat lis-Socjeta' u giet iccertifikata mit-tabib li kien imur jinvistha. Stqarret li fost is-*sick leave* li hadet kien hemm l-okkazzjoni meta dahlet l-Isptar San Luqa ghall-kura, li ghalkemm il-perjodu kien qasir kien jinhtigilha toqghod rikoverata d-dar ghall-tlett gimghat.

L-appellanta qalet li ghalkemm hafna mis-*sick leave* li hadet kien ikunu ta' ftit granet, dawn l-okkazzjonijiet kienu jirrenduha nkapaci tmur ghax-xoghol u ma kinitx tirraporta "sick" b'kapricc.

6. <u>Kunsiderazzjonijiet.</u>

Il-kompitu tat-Tribunal f'dan il-kaz hu li jezamina u jikkunsidra jekk ir-raguni li minhabba fiha l-appellanta tilfet l-impjieg taghha ma kinitx wahda tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

Ma hemmx kontestazzjoni rigward il-granet tas-*sick leave* li l-appellanta hadet fis-snin 2000 (55.47 gurnata), 2001(27.21 gurnata) u 2002 (48.22 gurnata), li fil-fehma tas-Socjeta' kien tali li jkopri okkazzjonijiet ta' indispozizzjoni minuri, bl'eccezzjoni tad-darba li kellha bzonn tigi kkurata fl-Isptar San Luqa.

Intqal li dan is-*sick leave* kollu kellu effett fuq l-impjegati l-ohra li kienu mehtiega jkopru l-assenza taghha.

It-Tribunal innota wkoll x-xhieda tat-tobba li xehedu fil-kaz, fejn b'mod generali esprimew l-opinjoni professjonali li ghalkemm iccertifikaw lill-appellanta bhala *sick*, f'hafna okkazzjonijiet kellhom joqghodu fuq dak li iddikjarat l-appellanta.

F'dan ir-rigward it-Tribunal innota li fil-maggoranza ta' dawn l-okkazzjonijet tal-mard, ahjar wiehed jiddiskrivihom bhala "sickness". It-Tobba li hargu l-'medical certificates" accettaw l-ilmenti ta' l-appellanta u stante li iffirmawhom, wiehed jikkonkludi li ghamlu hekk b'responsabbilta professjonali. Nonostante li wiehed jista' jghid li t-tobba li iccertifikawha ma kienux konvinti b'certezza minn dawn il-"complaints" fizici ta' l-appellanta pero' ghat-Tribunal l-appellanta kienet koperta bic-certifikati tat-tobba waqt is-*sick leave* u ghalhekk ma jistax jigi ikkunsidrat bhala abbuz tas-*sick leave*. It-Tribunal jifhem li dan is-*sick leave* kemm fid-durata ta' ftit granet tieghu u t-total mehud kien qieghed ikun ta' problema fix-xoghol tas-Socjeta'.

It-Tribunal innota li minhabba dan is-*sick leave* qawwi fuq numru ta' snin, is-Socjeta' kienet kostretta twissi lill-appellanta f'diversi okkazzjonijiet, iffirmati mill-appellanta li rcievithom.

Kien hemm ukoll okkazzjoni fejn ittra ta' terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta datata 20 ta' Novembru 2000 giet irtirata mis-Socjeta' minhabba ragunijiet umanitarji. Din l-ittra ggib il-firma tal-General Manager tas-Socjeta' fejn giet imwissija li "unawthorised sick leave will result in immediate dismissal".

Jibqa biss il-kwistjoni jekk l-appellanta ghamlitx tibdil fic-certifikat "Case Summary" data id-9 ta' Novembru 2001 mahrug mill-Isptar San Luqa billi s-sena 2001 giet "overwritten" bhala 2000.

Skond is-Socjeta' dan it-tibdil sar bil-ghan biex l-appellanta jtaffi it-total ta' hamsa w hamsin (55) gurnata "sick" li hadet fis-sena 2000 billi jittiehdu 'n konsiderazzjoni il-granet li kienet fl-Isptar. Huwa veru li dan id-dokument gie pprezentat mill-appellanta biex issostni l-kaz taghha izda ghalkemm l-appellanta kkonfermat bil-gurament li pprezentat id-dokument in kwestjoni hija qatt ma accettat li "bghabset" id-dokument.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li l-prezentazzjoni ta' l-Istatements of case u d-dokumenti annessi tal-kwistjonijiet tax-xoghol rriferiti lit-Tribunal Industrijali qatt ma jkunu guramentati u f'dan il-kaz din ma kinitx eccezzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali ma jistax fic-cirkostanzi isib li kien hemm evidenza qarrieqa minn naha ta' l-appellanta.

Dak li hu ampjament innegabbli hu li l-appellanta giet imwissija diversi drabi dwar is-*sick leave* u fic-cirkostanzi ma kien hemm xejn hazin li s-Socjeta ma tittollerax 'sick leave' eccessiv, mehud minhabba 'complaints' fizici li skond l-fehma professjonali tat-tobba li

ccertifikawha, hafna mill-complaints kienu ta' natura minima li normallment ma kienux jirrenduha inkapaci li tirraporta ghax-xoghol.

Decizjoni.

It-Tribunal Industrijali wara li ra u kkunsidra l-*Istatements of case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomisjonijiet finali u l-kummenti addizzjonali tal-partijiet, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijet tieghu citati hawn fuq isib li l-frekwenza konsistenti tal-"complaints" fizici ta' l-appellanti rrenduha nkapaci li tkun ta' utilita produttiva ghas-Socjeta'.

Kwindi s-"sick leave" taghha kien meqjuz mis-Socjeta' bhala abbuziv tenut kont il-fehma professjonali medika li f'hafna istanzi ikkunsidrat li dawn il-"complaints" ma kienux tali li jipprekludu lill-appellanta ma tmurx ghax-xoghol u tirraporta "sick". F'dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta Amanda Galea kienet ghall-raguni tajba u sufficcjenti.

Ghall-finijiet ta' doveri li jithallsu it-Tribunal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Ebghin Liri (Lm40) Maltin lill-persuni li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------------
Carmel Debono
Chairman